**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 4 ta' Ottubru, 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 778/2015**

**Marcus Tonna f'ismu proprju u bhala direttur tas-socjeta Marine Supplies Services Limited (gia Triva 1 Company Limited)**

**vs**

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali ghall-kull interess li jista' jkollu u l-Avukat Generali ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur pen tat-12 ta' Awwissu, 2015 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti proprio et nomine, kien gie notifikat b'ittra datata 11 ta' Marzu 2011 minghand il-Kummissarju tal-Pulizija bin-numru tar-referenza CL/NV/I/11 (kopja annessa u u mmarkata bhala Dok. 'A') permezz ta' liema r-rikorrenti gie mitlub jhallas penali ta' sebgha u ghoxrin elf, tlett mija u sebghin ewro u tlettax-il centezrnu (€27,370.13) skont l-artikolu 15(5) tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, (Kapitlu 217 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi r-rikorrenti proprio et nomine hassu aggravat mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u intavola appell, mill-imsemmi multa imposta, fil-Bord tal-Appelli Dwar l-Immigrazzjoni fis-17 ta' Marzu 2011 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. 'B') liema appell giet rikonoxxuta mill-istess Bord fis-6 ta' Mejju 2011 (ara Dok. 'C' hawn anness);

3. Illi fis-17 ta' Settembru 2011 ir-rikorrenti proprio et nomine gie notifikat bin-nota responsiva ghall-appell minnu intavolat mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni (kopja tan-nota responsiva hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'D');

4. IIli mis-17 ta' Settembru 2011 sas-26 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti proprio et nomine qatt ma gie mitlub jidher quddiem il-Bord taI-Appelli Dwar I-Immigrazzjoni u lanqas ma kien hemm kommunikazzjoni bejn il-partijiet dwar I-imsemmi appell u/jew il-multa surreferita;

5. llli permezz ta' ittra datat 26 ta' Novembru 2014 tal-Kummissarju tal-Pulizija r-rikorrenti proprio et nomine gie infurmat Ii I-penali lilu imposta giet rikonsiderata u kien mitlub sabiex ihallas is-somma imnaqqsa ta' tlettax-il elf, sitt mija, hamsa u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€13,685,10) (din I-ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘E');

6. Illi abbazi tal-imsemmija ittra datat 26 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti proprio et nomine trammite I-avukat difensur tieghu, informa lill-Kummissarju tal-Pulizija Ii kien sar appell mill-ewwel multa imposta (u cioe I-multa datata 11 ta' Marzu 2011) u li ma kien hemm ebda decizjoni mill-istess appell (ara kopja tal-ittra datat 09 ta' Frar 2015 mmarkat bhala Dok. ‘F');

7. Illi r-rikorrent proprio et nomine sar jaf informalment bid-decizjoni tal-Bord taI-Appell Dwar I-Immigrazzjoni datat 27 ta' Ottubru 2011 (Appell Nru. 1/2011) biss wara kommunikazzjoni Ii saret mill-avvukat difensur tieghu mal-Ispettur Geoffrey Azzopardi mill-Kummissarju tal-Pulizija fis-16 ta' Frar 2015 (ara kopja tal-email u d-decizjoni annessa u mmarkata bhala Dok. ‘G');

8. Illi I-eghmil amministrattiv tal-istess Bord ta' I-Appell Dwar I-Imigrazzjoni jikser il-Kostitizzjoni ta' Malta ai termini tal-imsemmi artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta principalment id-dritt ta' smigh xieraq f'gheluq zmien ragionevoli ai termini tal-artikolu 39(2) u d-dritt Ii I-pronunzament tad-decizjoni tal-Qorti jew Awtorita ohra ghandhom jinzammu fil-pubbliku ai termini tal-artikolu 39(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kap. 0 tal-Ligijiet ta' Malta)u I-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ukoll l-artikolu 23 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi I-eghmil amministrattiv tal-istess Bord tal-Appell Dwar I-Immigrazzjoni huwa ultra vires billi l-Bord tal-Appell Dwar I-Immigrazzjoni bhala awtorita pubblika naqqset milli tosserva il-principji tal-gustizzja naturali u I-htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak I-eghmil ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre, s-sentenza tal-Bord taI-Appell Dwar I-Immigrazzjoni datat 27 ta' Ottubru 2011 (Appell Nru. 1/2011) jikkontjeni decizjonijiet kunfliggenti;

10. Ghalhekk din il-Onorabbli Qorti ghandha tistharreg I-validita tad-decizjoni amministrattiva tal-Bord taI-Appell Dwar I-Imigrazzjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 (Appell Nru. 1/2011) u qieghed jigi mitlub sabiex din I-Onorabbli Qorti tiddikjara Ii dik id-decizjoni hija nulla, invalida u minghajr effett minhabba ir-ragunijiet suesposti;

11. llli ir-rikorrenti Marcus Tonna jaf personalment bil-fatti kif dedotti;

12. IIli r-rikorrenti qieghed jirriserva kull dritt Ii ghandu skont iI-ligi ghall-hlas tad-danni.

Ghaldaqstant l-intimati ghandhom jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra opportuna, tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tistharreg l-validita tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar l-Imigrazzjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 (Appell Nru. 1/2011);

2. Tiddikjara d-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar l-Imigrazzjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 (Appell Nru. 1/2011) hija nulla, invalida u minghajr effett billi ttiehdet minghajr l-osservanza tal-principji tal-gustizzja natura li u billi tittiehdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti prioprio et nomine kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kap 0 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni sofferti mir-rikorrenti proprio et nomine;

Bl-ispejjez konta intimati kollha jew min minnhom li min issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

(I) Illi in linea preliminari, il-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontraditturi fl-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm xejn fir-rikors promotur li huwa addebitat jew li jista’ jigi addebitat lill-istess intimati;

(II) Illi in linea preliminari ukoll, ghandu jigi ipprecisat li l-Kummissarju tal-Pulizija qed jirrispondi ghall-azzjoni odjerna fil-kariga tieghu tal-Ufficjali Principali tal-Immigrazzjoni;

(III) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti kif se jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza u ghandhom jigu michuda in kwantu insostenibbli ghar-ragunijiet segwenti, li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghas-suespost:
(i) Illi fir-rigward tat-tieni talba kif dedotta fir-rikors promotur, l-esponenti jissotomettu li in kwantu l-istess rikors hu intavolat fil-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni ordinarja taghha bhala rikors guramentat, l-esponenti se jirrispondu ghal lanjanzi ta' natura ordinarja u mhux ghal xi lanjanzi Kostituzzjonali;
(ii) Illi l-kwadru tal-fatti kif imposti mir-rikorrent huwa wiehed li ma jurix il-perspettiva korretta tal-fatti rilevanti u ghalhekk huwa svijanti;
(iii) Illi ghandu jigi ipprecizat li r-rikorrent huwa s-sid tal-lancja bl-isem Triva 1 fuq liema jidher li ingarru passiggieri minghajr dokumenti tal-ivvjaggar validi u/jew minghajr visa valida ghal Malta f’cirkostanzi fejn ir-rikorrent ma nghata l-ebda awtorizzazzjoni minghand l-intimat l-Ufficcjali Principali tal-Immigrazzjoni sabiex igorr il-persuni in kwistjoni lejn Malta u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 217 partikolarment l-artikolu 15(5) tal-Kap. 217. Inoltre, fic-cirkostanzi odjerni, l-istess Ufficjali Principali tal-Immigrazzjoni aderixxa ruhu mill-fakulta li jirrikonsidra l-multa imposta fuq rakkomandazzjoni tal-istess Bord billi naqqasha bin-nofs;

(iv) Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet tar-rikorrent fil-konfront tal-Bord tal-Appelli Dwar l-Immigrazzjoni, l-esponenti jirrilevaw li jidher li l-istess Bord kien debitament kompost skont il-ligi u iddecieda l-kaz tar-rikorrent wara li gharbel ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kemm fattwalment kif ukoll legalment skont l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Illi l-fatt uniku li r-rikorrent ma qabilx mad-decizjoni tal-istess Bord ma jfissirx awtomatikament li l-imsemmi Bord ma mexxiex skont id-dettami tal-ligi u/jew li ma osservax il-principji tal-gustizzja naturali;
(v) Illi fir-rigward tat-tielet talba kif dedotta fir-rikors promotur, l-esponenti jirribattu li fic-cirkostanzi odjerni, l-ebda danni mhuma dovuti lir-rikorrent da parte tal-intimati;
(vi) Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, fl-umli fehma tal-esponenti fic-cirkostanzi odjerni mhux il-kaz li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar l-Immigrazzjoni hija nulla, invalida u minghajr effett billi ittiehdet minghajr l-osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali u/jew bi ksur ta' xi drittijiet fundamentali tar-rikorrent; kif qed jallega r-rikorrent;
(vii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Mejju 2016 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu illi l-provi li ser jingiebu ghandhom japplikaw ghaz-zewg kawzi li qed jimxu flimkien, cioe din il-kawza numru 778/2015MCH u dik bin-numru 243/2016MCH.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Dr Juliana Scerri Ferrante, Chairperson tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, pprezentat il-file tal-appell tar-rikorrent (Dok. JSF10), u ccarat li f’dak iz-zmien hija ma kinitx ic-Chairperson imma kien Dr Ramon Rossignaud.

Ir-rikorrent Marcus Tonna xehed li hu direttur tal-kumpanija Triva 1. Din il-kumpanija kienet torganizza vjaggi bill-merkanzija minn Tripoli ghal Valletta, Malta kull gimgha bejn is-snin 2006 u 2011. Imbaghad fil-2011 meta kien hemm l-inkwiet il-Libya giet mitlulba mill-Gvern Malti biex tevakwaw nies mill-Libya u tiehu ghajnuna umanitarja lejn Tripli. Giet mitluba biex tiehu gurnalisti lejn il-Libja u ggib lura xi nies, Maltin u Ewropej lejn Malta basta mhux dawk bil-passaport Libjan. Hu dejjem kien ikun fl-

ufficju u mhux fuq il-vapur. Fl-okkazzjoni in kwistjoni meta l-bastiment kien gej lura Malta, l-kaptan kien infurmah li kellu abbord xi nies li kienu qed jitolbu l-azil. Gie infurmat li meta dawn telghu fuq il-vapur kellhom passport li ma kienx Libjan. Hu ghalhekk informa lil tal-Immigration f'Malta. Il-vapur dam biex dahal Malta 24 siegha minhabba l-maltemp. Kastilja kellhom l-ismijiet tal-persuni li kienu abbord. Meta kien informa lill tal-imigration li kien hemm nies irregolari fuq il-bastiment il-Kaptan inghata ordni biex imur lura l-Libja izda l-Kaptan ma setghax imur lura minhabba l-maltemp.

Meta kien jaghmel dawn il-vjaggi huwa kien ikun in kuntatt ma' Vanessa Fraser Head tal-Forzi Armati u l-assistenta taghha Michaela Fenech Pace. Kienu in kuntratt ukoll mal-vapuri tan-Nato li kienu jikkeccjawhom qabel jidhlu Tripli u wara li johorgu.

Wara din l-okkazzjoni hu kien gie penalizzat. Kienet ittiehdet decizjoni mill-Bord tal-Appell li kkonfermat dina l-penali. Il-Pulizija fil-fatt kienu irrikonsidraw id-decizjoni tal-Bord u l-ammont tnaqqas bin-nofs. Huwa pero jikkunsidra anke daqshekk bhala mhux gust billi gie penalizzat bhala traffikant illegali ta' persuni. Meta giet konfermata l-penali huwa lanqas kien prezenti quddiem il-Bord.

Ir-rikorrent xehed li hu m'ghandux l-instructions bil-miktub biex ghamel dawk il-humanitarian trips. Dawn it-trip umanitarji kienu ftit hafna. Hu ma jafx x'passporti kellhom in-nies li kienu abbord imma lilu qalulu li ma kienux Libjani. Hu ma jafx x'ghamel il-Kaptan imma dan kellu instructions biex ma jtellax Libjani. L-instructions li kellhom kienu biex igibu mhux biss Maltin lura mill-Libya ( Dok. MC1 a fol. 85). F'trip partikolari kien hemm nies minn 24 nazzjonalita. Hu esebixxa Dok. AX1 u 2 (a fol. 104-5) dwar verifika li saret tal-bastiment minn fregata Spanjola tan-Nato u li taghthom l-OK biex ikomplu bil-vjagg. Dawn jikkeccjaw il-passenger list (Dok. A f'cirku) u jiccekkjawhom persuna persuna biex jaraw li ma hemm hadd mir-regime tal-Libja. Ix-xhud gie muri d-dokumenti Dok. A u qal li ma jiftakarx b'din il-lista u ma jistax jikkonfermaha ghax data ma fihiex u l-ismijiet ma jagharafhomx. Jista jikkonferma biss l-firma, t-timbru tal-bastiment u jagharaf il-firma tal-Kaptan. Il-Kaptan ma kienx izomm il-passaport ta' dawn il-passiggiera imma kien jiehu nota taghhom. Jekk il-passport kienx falz jew le kienet haga tal-Immigaration mhux tal-Kaptan. Dwar dan il-vjagg partikolari ma sab xejn dwar go ahead min Nato vessels. Hu ma

ghandux instructions bil-miktub minghand Vanessa Fraser. Skond il-Kaptan hu telaq minn Tripoli bin-nies minghajr problemi imbaghad matul il-vjagg xi uhud minnhom iddikjaraw li kienu se jitolbu azil. Wara dana l-incident u xi incidenti ohra huma kienu nghataw ordni biex jahdmu skond passenger list u mhux itellghu kull min isibu kif kien isir qabel. Huma kellhom jevakwaw Maltin u foreign nationals li kellhom l-ambaxxata Malta. Dan kien fil-perjodu tal-inkwiet cioe Frar 2011 sa Novembru 2011. Il-vapuri tan-NATO kienu jiehdu hsieb is-sikurezza taghhom.

Ma jiftakarx x'dokumenti kien ipprezenta quddiem il-Bord. Meta appella hu ma kien ipprezenta ebda dokument ghax ma kellux chance jitkellem. Hu ma kien sema xejn minghandhom imbaghad wara sentejn jircievi d-decizjoni.

Supretendent Jeffrey Azzopardi xehed li fit-8 ta' Marzu 2011 giet il-fishing trawler Trivia 1 mill-Libja bi 13 Etritrean abbord.Meta waslet fl-ibhra territorjali Maltin sar kuntatt mall-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni fejn infurmawhom li kien hemm dawn il-passigiera. Tonna nghata struzzjonijiet biex dawn jehodhom lura l-Libja pero ghal xi raguni baqa' diehel bihom Malta u trakka fejn il-power station ta' Delimara. Kienu marru fuq il-post, raw x'dokumenti kellhom u sabu li kien hemm minnhom li lanqas kellhom dokumenti u ohrjan ghalkemm kellhom passaport ma kellhomx visa. Kien hemm ohrjan li kellhom passaport mhux awtentiku jew ma kienx taghhom (art. 15(1) Kap. 217). Dawn gew processati bhal kull immigrant irregolari iehor.

Inharget multa fuq Tonna ghal €27,370.13 (Dok. A fol. 6) (ai termini tal-art. 15(5) Kap. 217. Ittra datata 11 ta' Marzu 2011) u wara li dan gie notifikat bid-decizjoni huwa appella quddiem il-Bord tal-Appell u f'Ottubru 2011 il-Bord ikkonferma d-decizjoni tal-Principal Immigration Officer (ara fol. 20) u rrakkomanda li jekk setghetx issir riduzzjoni fil-multa. B'ittra datata 26 ta' Novembru 2014 (Dok. E fol. 16) l-penali giet ridotta b'50% ghal €13,685.10. Il-Bord bhala tali ma setghax inaqqas l-multa. Meta infurma lil avukat ta' Tonna dina kienet qaltlu li ma kinitx taf bis-senenza tal-Bord.

Gie pprezentat mir-rikorrent affidavit tal-Kaptan Carima Lukman (Dok. B a fol. 10) fejn in sustanza jghid li hu kien ilu jahdem fuq dan il-bastiment erba xhur u fit-2 ta'

Marzu 2011 gie ordnat li jiehu sitt gurnalisti Tripli u biex igib Malta xi bahhara. Dawn ma gewx u minflok l-agent ta' Trivia fi Tripoli ghabba passiggieri ohra bid-dokumenti regolari. Inghata l-clearance biex jitlaq (Dok. LK1 u LK2 a fol. 12). Tul il-vjagg sar jaf li kien hemm passiggieri li kienu se jitolbu l-azil u ghalhekk informa lis-sur Tonna. Billi kien il-maltemp kien stenna ftit sakemm dahlu Malta fejn sab lis-sur Tonna u l-ufficjali tal-Immigrazzjoni. Lilhom ma halluhomx jinzlu minn abbord u wara gurnata giet xarabank tal-Pulizija u hadet il-passiggieri.

**Fatti tal-kaz**

B'ittra datata 11 ta' Marzu 2011 ir-rikorrent wehel penali ta' €27,370.13 a tenur tal-Kap 217 billi kien dahhal passiggiera Malta minghajr dokumentazzjoni.

Ir-rikorrent kien appella minn dina d-decizjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fejn issottometta li l-penali imposta kienet wahda ingusta fic-cirkostanzi u eccessiva u talab li l-penali tigi riformata, mnaqqsa sostanzjalment jew addirittura mhassra ghal kollox.

Fil- 23 ta' Mejju 2011 l-Ufficjal Principali rrisponda li s-Sur Tonna ma kien inghata l-ebda awtorizzazzjoni minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni sabiex igorr il-persuni in kwistjoni lejn Malta anzi meta huma gew infurmati li kellu abbord passiggiera li qed jitolbu l-azil l-struzzjonijiet kienu li jipprocedi lura lejn Tripli billi l-passiggiera ma kellhomx dokumenti jew visas.

Il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011 kien iddecieda billi:

> Ikkonferma d-decizjoni tal-Ufficjal Principali stante li (i) l-appellant ma nghata l-ebda awtorizzazzjoni mill-Ufficjal Principali biex igorr dawk il-persuni lejn Malta; (ii) li meta saret il-kommunikazzjoni mal-Pulizija u l-bastiment kien ghadu fi triqtu lejn Malta, inharget l-ordni biex il-bastiment jirritorna lejn il-Libja u (iii) il-passiggieri in kwistjoni la kellhom dokumenti validi ghall-ivvjaggar u lanqas viza valida jew viza pendenti.
>
> Dwar l-obbligu tat-trasportatur, l-artikolu 15(1) tal-Kap 217, huwa car u ma jhalli ebda dubju illi hi r-responsabilita ta' trasportatur li jassikura li l-persuna li jggorr lejn Malta jkollha d-dokumenti tal-ivvjaggar u kull viza jew awtorizzazzjoni ohra li tkunu mehtiega biex il-passiggier jidhol fit-territorju ta' Malta qabel ma dan jingarr lejn Malta.

> Li mhijiex gustifikazzjoni legali li l-Kaptan ighid li ma kellux esperjenza tal-problemi relatati mat-trasport ta' passiggieri.
>
> In kwantu ghal fatt li dak iz-zmien kien beda l-inkwiet u l-glied fil-Libja, jixraq li jinghata debita konsiderazzjoni mill-Awtoritajiet fl-imposizzjoni tal-piena u saret rakkomandazzjoni biex tigi kkunsidrata riduzzjoni fil-piena.
>
> L-appell ghalhekk ma kienx fondat billi effettivament dokumenti biex il-passiggieri jidhlu Malta ma kellhomx.

B'Ittra datata 26 ta' Novembru 2014 l-Ufficjal Principali rriduca l-penali ghal €13,685.10 u in risposta is-Sur Tonna b'ittra datata 9 ta' Frar 2015 wiegeb li s-somma ma kinitx dovuta billi kellu appell pendenti.

B'ittra ohra datata 25 ta' Frar 2015 ir-rikorrent irriserva l-posizzjoni tieghu wara li gie infurmat bid-decizjoni tal-Bord li kienet inghatat fit-2011.

F'dina l-kawza r-rikorrent qed jikkontesta d-decizjoni tal-Bord tas-27 ta' Ottubru 2011

**Talba**

F'dina l-kawza r-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti:

i. tistharreg l-validita tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Imigrazzjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 (b'referenza ghall-artikolu 469A (1)(b)(ii)) u

ii. tiddikjara d-decizjoni tal-Bord hija nulla, invalida u minghajr effett billi ttiehdet minghajr l-osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Kontestazzjoni**

**Legittimu kontradittur**

Il-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali u l-Avukat Generali wiegbu li mhumiex il-legittimi kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm xejn fir-rikors promotur li huwa addebitat jew li jista jigi addebitat lilhom.

IIli fil-fehma ta' din il-Qorti, il-legislatur ried li f'kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, ir-rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f'kull kaz irid jigi notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern.

Fir-rigward tal-Ministru ma hemmx dubju li hu ma kellux ghalfejn jigi citat ladarba li l-ligi tispecifika li ghandu jigi citat il-Kap tad-Dipartiment koncernat, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kariga tieghu tal-Ufficcjali Principali tal-Immigrazzjoni.

Ghalhekk l-eccezzjoni fir-rigward tal-Ministru u l-Avukat Generali se tigi milqugha."

**Lanjanza Kostituzzjonali**

L-intimati wiegbu li n kwantu ir-rikors hu intavolat fil-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni ordinarja huma se jirrispondu ghal lanjanzi ta' natura ordinarja u mhux ghal xi lanjanzi Kostituzzjonali

Hu risaput li eghmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fondamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) isib applikazzjoni mmedjata. Fejn mill-banda l-ohra l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, d-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja.

Kif qalet dina l-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **Charles Cini vs Prim Ministru et** deciza fil-16 ta' Jannar 2018: "Il-Qorti taqbel li f'azzjoni ta' stharrig gudizzjarju taht l-artikolu 469A tal-Kap 12 il-ksur li jista' jkun hemm taht il-Kostituzzjoni tar-Reppubblika ta' Malta ma jirriferix ghal ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet mahsuba fil-Kapitolu IV tal-istess, imma ghal xi ksur ta' xi dispozizzjoni ohra tal-istess Kostituzzjoni. Fl-istess waqt, madankollu, il-fatt li parti attrici tressaq ilment ta' ksur ta' jedd fondamentali f'azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ma jwassalx ghas-sejbien li l-azzjoni ma tiswiex, jekk kemm-il darba t-talbiet ikunu saru b'mod li l-wahda tingharaf mill-ohra".

Fil-kaz tal-lum ir-rikorrent qed jibbaza l-lanjanza tieghu fuq l-Artikolu 469A(1)(a)(b) tal-Kap. 12 li jipprovvdi hekk:

> (1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:
>
> (a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;
> (b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:
>
> (ii) meta l-awtorita pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal- eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil.

Illi ghalhekk il-lanjanzi tar-rikorrent kif proposti jistghu jigu ezaminati minn dina l-Qorti fil-gurisdizzjoni ordinarjara taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti fuq il-mertu**

Milli jidher mill-atti l-kontestazzjoni tar-rikorrent hija li wara li pprezenta l-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni fl-2011 hu ma semgha xejn aktar minghandhom u sar jaf biss li kienet inghatat decizjoni mill-Bord fil-2014 meta gie infurmat mill-intimat li l-penali kienet giet dimezzata u kien biss f'dak l-istadju li sar jaf bid-decizjoni wara li nghata kopja tas-sentenza mill-Pulizija. Hu ghalhekk qed jilmenta minn nuqqas ta'osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu senjatament il-principji tal-audi alteram partem u smigh xieraq ai termini tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni, artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12.

L-intimat wiegeb li l-istess Bord kien debitament kompost skont il-ligi u iddecieda l-kaz wara li gharbel ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kemm fattwalment kif ukoll legalment skont l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-fatt uniku li r-rikorrent ma qabilx mad-decizjoni tal-istess Bord ma jfissirx awtomatikament li l-imsemmi Bord ma mexxiex skont id-dettami tal-ligi u/jew li ma osservax il-principji tal-gustizzja naturali.

Kwantu ghad-decizjoni tal-Bord fir-rigward il-mertu tal-appell tar-rikorrent fejn talab ir-revoka tal-penali imposta, dina l-Qorti hi tal-fehma li l-Bord gustament ikkonferma d-

decizjoni tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ghar-ragunijiet minnu moghtija fl-istess sentenza fuq riferita.

Jirrizulta li r-rikorrent ma kien nghata l-ebda awtorizzazzjoni mill-Ufficjal Principali biex igorr dawk il-passiggiera lejn Malta u lanqas biex idahhalhom Malta. Ir-rikorrent semma fix-xhieda tieghu li hu kien inghata struzzjonijiet mill-Gvern Malti biex jaghmel dawn il-humanitarian trips izda r-rikorrent ma gab ebda prova dwar dawn l-istruzzjonijiet la bil-miktub u lanqas ma pproduca bhala xhieda l-persuni indikati minnu fix-xhieda tieghu (Vanessa Fraser u Michaela Fenech Pace). Inoltre ghalkemm jirrizulta li saru humanitarian trips drabi ohra, fid-data in ezami, ma jirrizultax li dik kellha tkun wahda minn dawn il-humanitarian trips. Il-Kaptan Lukman xehed li dakinhar "he was ordered to travel to Tripoli to deliver 6 journalists and their equipment and to bring back seaman. Upon arriving in Tripoli the sea men who were supposed to come on board the vessel decided not to and the Trivia agent in Tripoli decided that passengers are to be brought on board the vessel to be transferred to Malta". Veru li dawn il-passiggiera inghataw il-clearance minn Tripoli u kellhom travel documents izda rrizulta li waqt il-vjagg xi passiggiera minnhom waddbu l-bahar dawn it-travel documents u talbu l-azil. Veru wkoll li kien perjodu meta kien hemm il-glied u inkwiet fil-Libja izda jidher li dana l-vjagg ma kienx wiehed proprjament umanitarju u lanqas ingabet prova mir-rikorrent li kien hekk ghax ma ngabet ebda prova f'dan is-sens. Dawn il-passiggieri lanqas ma kienu Maltin jew Ewropej kif suppost li kellhom ikunu dawk li kellhom jitghabbew.

Kif qal il-Bord il-ligi hija cara. L-Artikolu 15(1) tal-Kap. 217 jipprovdi li:

> Trasportatur bil-bahar jew bl-arju jkun <u>obbligat li jiehu l-mizuri kollha mehtiega sabiex jizgura li persuna li huwa jkun garr lejn Malta jkollha d-dokumenti tal-ivvjaggar</u> u kull viza jew awtorizzazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega ghad-dhul gewwa, jew passagg minn, it-territorju ta' Malta qabel ma dik il-persuna tingarr lejn Malta.

Jirrizulta li meta l-Kaptan tellgha l-passiggiera abbord huwa ma zammx ghandu l-passaporti jew travel documents taghhom kif kellu jaghmel u b'hekk spicca li matul il-vjagg kien hemm passigiera li ghalkemm telqghu bid-dokumenti spiccaw minghajrhom. Kif qal il-Bord mhijiex gustifikazzjoni legali li l-Kaptan ighid li ma kellux esperjenza tal-problemi relatati mat-trasport ta' passiggieri. Kien id-dover tieghu

bhala kaptan li jkun jaf il-ligi u jimxi maghha. Hu kien ser idahhal Malta passiggiera minghajr identita b'riskju ghas-sahha u sigurta.

Meta l-Ufficjal tal-Immigrazzjoni gie infurmat dwar dawn il-passiggiera, u dana meta l-bastiment kien ghadu fi triqtu lejn Malta, il-kaptan inghata l-ordni biex il-bastiment jirritorna lejn il-Libja izda minflok il-bastiment baqa' gej Malta kontra l-ordni li nghatatlu.

Mhux kontestat li l-passiggieri in kwistjoni ma kellhomx dokumenti validi ghall-ivvjaggar u lanqas viza valida jew viza pendenti ghalhekk il-Kaptan kien qed jikser il-ligi.

Kwantu ghal lanjanza dwar il-ksur tal-principji ta' gustizzja naturali, in tema legali huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta` entitá amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna. Il-principju audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, dan ta' l-ahhar mhux biss ghandu jigi mgharraf, izda ghandu jinghata l-opportunitá li jghidu tieghu, fuq kollox jinghata widen tassew ghal dak li ghandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunita li jiddefendi l-kaz kif inhu xieraq (**Alan Debattista vs Direttur Servizzi ta' Kummerc et**, PA 05/12/2014).

Illi fil-kaz in ezami kien sar appell regolari bil-miktub mir-rikorrent fejn ressaq l-aggravji tieghu u saret risposta mill-intimat fejn talab konferma tal-penali imposta. Imbaghad inghatat decizjoni mill-Bord.

Ir-rikorrent qed jilmenta li huwa qatt ma gie infurmat bi kwalunkwe seduti li setghu saru, u jekk veru saru, hu ma kienx prezenti, u lanqas ma kien hemm mezz biex isir jaf bihom. Hu qatt ma gie notifikat bis-sentenza li lanqas ma giet pubblikata ufficjalment u minkejja tenattivi da parti tad-difensuri tar-rikorrent, lanqas ma instabet fil-process tal-Bord. Il-fatt li jezitu zewg verzjonijiet tal-istess sentenza juri kemm verament gew skartati d-drittijiet tar-rikorrent.

Illi min jallega jrid jipprova dak li qed jallega ossija onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, kif wara kollox jghid car u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa fil-kaz in ezami kien obbligu tar-rikorrent li jipprova li hu ma nghatax smigh xieraq mill-Bord tal-Appell u li l-Bord ma osservax il-principji tal-gustizzja naturali tul il-proceduri tal-appell. Mill-ezami tal-process odjern ma jirrizultax li r-rikorrent ressaq xi prova biex juri li kien hemm in-nuqqas allegat. Ir-rikorrent ma ipproduciex bhala xhud ir-registratur tal-Bord, biex jezebixxi l-verbali tas-seduti li saru, jekk saru, u jekk instemghux xi xhieda. Il-process odjern fih id-dokumenti li gew pprezentati quddiem il-Bord imma xejn dwar kif tmexxew il-proceduri b'tali mod li dina l-Qorti tkun tista tezamina u tiddeciedi jekk ir-rikorrent inghatax smigh xieraq jew le.

Illi kif isemmi l-istess rikorrent fin-nota tieghu:

> The obligation to hold a hearing is not absolute in all cases falling under the criminal head of article 6". Kif ukoll li "While the requirements of a fair hearing are the strictest concerning the hard core of criminal law, the criminal head guarantees of article 6 do not necessarily apply with their full stringency to other categories of cases falling under that head and not carrying any significant decree of stigma (**Jussila vs Finland**, GC §41-43).
>
> The obligation to hold a hearing is not absolute (see **Håkansson and Sturesson vs Sweden**, 02/02/1990, §66, Series A No. 171-A). <u>There may be proceedings in which an oral hearing may not be required</u>: for example where there are no issues of credibility or contested facts which necessitate a hearing and <u>the courts may fairly and reasonably decide the case on the basis of the parties' submissions and other written materials</u> (see, for example **Döry vs Sweden**, No. 28394/95, §37, 12/11/2002, and **Pursiheimo vs Finland**, No. 57795/00, 25/11/2003; compare **Lundevall vs Sweden**, No. 38629/97, §39, 12/11/2002, and **Salomonsson vs Sweden**, No. 38978/97, §39, 12/11/2002; and see also **Goc vs Turkey**, No. 36590/97, §51, ECHR 2002-V.

Fil-kaz in ezami jidher li anke r-rikorrent qed jaqbel li l-penali forsi ma hijiex wahda kriminali u ghalhekk semmai seta' japplika dak li appena gie kwotat. Imma primarjament jibqa' l-fatt li r-rikorrent ma ressaqx dawk il-provi necessarji biex juri li ma inghatax smigh xieraq jew li kien hemm xi nuqqas procedurali. Il-fatt biss li d-

difensur tar-rikorrent fittex u ma sab xejn ma jfissirx li ma sar xejn jew li ma inghatatx sentenza ghax ma sabiex meta fil-fatt kienet inghatat sentenza.

Fic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li waqt li ssib li fis-sustanza l-Bord tal-Appell iddecieda korrettement il-mertu tal-appell min naha l-ohra ssib li ma ngabitx prova li l-Bord ma mexiex skond il-ligi jew li r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur